# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, is-6 TA MEJJU, 1913. NRU. 63.


*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## ŬARA IL CUNGRESS.

Ghal-fejn nokoghdu nghidu dac li jaf cull-ħadd? Ghal-fejn nokoghdu niftaħru aħna, la darba kieghdin ifaħħruna il Barranin?...

Ghalina biż-żejjed dan: Alla cbir; u in-nies tad-dinja, bit-taghŭiġ taħħom, ma rnexxielhomx il ħsieb chiefer ta rashom.

Minn collox sar biex il Cungress Eŭcaristicu ta Malta ma jirnexxix. Bdeŭ il *Protestanti* ta *Xirca fanâtca,* li ma riedux il Cungress f'nitfa ta *Colônja Ingliża,* ghax deħrilhom li jaghmel ghajb lill cobor bla tarf tal Inghilterra, bejta u saltna tal Protestanti! Aħna stess, ghad li mhux biex naghmlu id-deni, gherrixna in-nies, ghax bdejna natu il pariri lill Pellegrinaġġi li jicru il vapuri ghall ġranet collha tal Cungress u jokoghdu fukhom; u bdejna nghidu li, jecc jiġu nies ŭisk, ma ghandniex fejn nilkghuhom; u bdejna nitbeżżghu mil ghôli tal ħajja, donn'na ħsibna li sejjrin immutu bil ġuħ! Il Cumitat ucoll, li messu jibda jaghmel ir-*Réclam* mal akŭa bliet tad-dinja minn sitt xhur kabel, biex ma nghidux sena, ma fittex katt li jiġbed in-nies, ghax dejjem chellu kalbu ittaktak li jiġu actar milli nesghu! U, tarġa, li Programm tal festi, li bnadijet oħra tant ilestuħ cmieni u iżejjnuħ biż-żigarelli, haŭn ħareġ tista tghid l'aħħar gimgha: anzi, inkas ma ghamlu il Cumitat; u dan, ghad li chien ilu iraħħam ghaliħ lil Min hu fuku, ma raħx ħlief stampat u lest, ġurnata jeŭ tnejn kabel ma tkassam lill Poplu! Compliet ghakdet il ħsara mita geŭ minn Turinu, minn Milanu u minn bliet oħra id-Diretturi tal Pellegrinaġġi biex jitchellmu ma tal Lucandi: u daŭn jeŭ ma riedu jiftehmu b'xejn maħħom jeŭ talbuhom prezzijet ghôlja barra mit-triek, chif ghamlu ucoll mal *Agenzija Cook,* li riedet ticcorda ma bosta minnhom! U in-nies, mil banda l'oħra, ghad li il Cumitat stedinhom actar minn darba bl'*Avviżi fil gażetti,* ma tkanklux biex jilkghu il Cungressisti fi djarhom u f'postijet armati ghalihom ghajr mita chienet ġriet ix-xniegha mad-dinja li m'haŭnx fejn jokoghdu actar minn elfejn ruħ, mentri mbaghd sibna li stajna nilkghu fl'art tnax l'elf jeŭ actar! Imma, pajjiżi oħra, cull-ħadd jaghmel ir-*Réclame* bi prezzijet mill'irħas, sa chemm jingibdu in-nies; u, imbaghd, mita taka ir-rassa, jibda jarfa rasu u joghla chemm jiflaħ; mhux ibażża bil *lira* u *lira-u-nofs* ir-ras cull jum, chif ghamlu haŭn il biċċa il cbira, biex ma nghidux collha!

Il Mażuni u l'eghedeŭŭa l'oħra tal Cnisja Cattolica inkdeŭ b'daŭn li żbalji taghna; u xerrdu ma cull-imchien aħbarijet ħżiena, li katghu kalb cull-ħadd.

Fl'aħħar, imbaghd, ŭara il klajja li Malta haŭn l'imxija tad-deni rkik u tal gidri, giet il marda tal Papa: u daŭc li chellhom xeŭca fi grieżmejhom bil Cungress ta Malta cabbruha u paspru fukha chemm felħu! Fl'akŭa ġranet, mita min chellu ħsieb jigi chien ŭasal biex jitlak, intkal saħansitra f'bosta gażetti ta barra li il *Cungress ta Malta, mħabba il marda tal Papa, giè mħolli ghal darb'oħra!* U chien hemm min chien diġà telak ghal haŭn u raġa l'ura!... Il Cumitat ghamel *Avviżi* u baghat *Telegrammi* contra daŭn ix-xnieghat ħżiena: imma, chif ighid il Malti, *mita il chelma toħroġ mis-sinna, timla dinja;* u ŭieħed mill'Iskfijet li geŭ sgurâna li, sa dic il ghodŭa li telak minn Ruma ghal haŭn, il *Programmi tal festi* chienu ghadhom ma ŭaslux hemm u bosta nies chienu ghadhom bil fehma li il Cungress tħalla ghal darb'oħra. Li stess gażetti cattolici, (taljani, ingliżi u ta ilsna oħra) l'eŭŭel ghamlulna id-deni bix-xniegha li m'haŭnx fejn jokoghdu in-nies u il ħajja ghôlja ŭisk; u, im baghd, ma ħanbkux biż-żejjed contra daŭc l'aħbarijet karrieka li chienu bellghulhom il gażetti tal ghedeŭŭa taħħom u taghna!...

Imm'Alla fuk cull-ħadd! In-nies tħassar u Hu iseŭŭi! Il Cungress Eŭcaristicu ta Malta sar: u, ghad li ma chellniex *Cummerċ* chemm messu icollna, ghad li ma geŭx eluf cbar ta Cungressisti, il Legât tal Papa, il Cardinali l'oħra, l'Iskfijet, il Cbarat u il Barranin collha li sabu-ruħhom haŭn, bakghu mghaġġbin bil festi taghna! Ma rebħux biż-żejjed il bŭiet tan-neguzjanti: imma rebħu ir-Religjon u il Patrja! Rebħu irŭieħna u klubna! Irbaħna ilcoll chemm aħna, ghax issa il gażetti collha tad-dinja kieghdin ifaħħruna u icabbru isimna!

Chien haŭn actar minn erbghin *Corrispondent* tal akŭa gażetti, li geŭ, imħallsin, biex jictbu fuk il Cungress: u irġajna chellimniħom, chif chienu miġburin gozz ħdejn it-Tribuna, ŭara il Benedizzjoni, bħalma conna chellimnihom kabel, fuk il môl tad-Dŭana, hu u nieżel fl'art il Legât tal Papa. Collha chelma ŭaħda: *Il Cungress taghcom ghaleb chemm il ŭieħed sar kablu: Dimostrazzjonijet bħal daŭn ma jistghu isiru imchien!*

L'Iskof Grasselli, li chien f'ghoxrin Cungress, kalilna: *Rajt lakghat cbar lill Legât tal Papa: iżda mhux daks din: din art tal Anġli!*

U il Cardinal ta Paliermu, il maħħub ta Piju Ghaxra, f'taħdita li chellna mieghu, kalilna ucoll: *Tghidux li inthom żghar: intom icbar mil cbar. Haġa cbira ŭisk, qŭasi ma titŭemminx, li il Poplu collu fehma ŭaħda!*

—*Splendid, splendid*—ħareġ ighid id-Duca ta Norfolk lill'Armirall Kerr mil Cnisja ta San Publju, fejn chienu bakghu sejjrin b'xemgha f'idhom ŭara is-Santissimu! *Splendid! X'Fidi ta Poplu! X'imgiba tal ghageb!*

U l'Iskof tal Canada, li jaf bl'Ingliż tajjeb, ŭiegeb minn ŭarajhom:—*L'Anġli biss jafu jaduraŭ il Gesù fis-Sagrament bħall Maltin!*

U l'Eminentissimu Santos Aymarez, li sibna-ruħna ma genbu fil gallerija tal Barracca, hi u sejjra tinghata il Benedizzjoni tal baħar, kâl lil ta ma dŭaru:—*Che grandeza! Che magnificencia! Dan il mument, actar kieghdin krib lejn is-Sema jeŭ lejn iddinja!*

U id-Duca de Bèjar, li hu cbir fi Spanja daks chemm hu cbir id-Duca ta Norfolk fl'Inghilterra, ŭara li daħħalnieħ f'postu ghall'aħħar lakgha tal Cungressisti geŭŭa il Cnisja tal Mosta:—Jecc nghix mit sena, ma nixbax infaħħar mal Cbarat ta Spanja u ma cull min ichellimni il ħrara tal Maltin, cbar u żghar—l'imgiba ta dan il Poplu—il ġmiel ta din il Gżira—din issbuħija ta Cnisja—l'educazzjoni u ittieba taghcom ilcoll chemm inthom... *ruħcom u kalbcom sáfja bħall ajru ta fukcom u bħall baħar ta ma dŭarcom!...*

U il Conti De Loppinat, franciż, li ghadu haŭn Malta, bil Contissa mieghu, chif chien kieghed ħdejna fil Pontifical ta *San Ġŭann*, sefsfilna f'ŭidnejna:—Collox ghandcom sabiħ u sêrju bħal din il mużica li kieghed nisma! Gejt curjuż u sejjer mghaġġeb! Diġà ghedt lill Contissa li nokoghdu gimgha oħra ŭara il Cungress, biex ingaŭdu din il ġaŭhra ta Gżira!...

U Monsinjur Karolus Kenter, Prelât tal Papa u Cappillan tal Palazz tar-Re, li giè, flimchien mas-sitta oħra, minn kieħ l'Ungherija, b'daŭn il chelmiet infired minn'na, ŭara li chien ilu haŭn gimgha sħiħa:—Minn ghalina, Malta collha il belt Valletta: iżda minn tas-Sliema, fejn conna kieghdin, morna il Mosta, morna Ħaġar-Kim, morna li Mdina—u rajna bliet u irrħula sbieħ, indaf, xemxin, li ħadna ir-ruħ fihom. Dnub li m'inthomx maghrufin biż-żejjed!

U il Cardinal Francica Nava, li tchellimna mieghu fit-tûl, ghand l'Iskof:—Tas-seŭ li ghandcom biex tiftaħru! Il Fidi taghcom nadifa bħal klubcom, nadifa bħal din il Gżira sabiħa, li donnha tal ħelu! Xi ħrara u x'imgiba! Jen nibka nbierec ll'Alla, li tani il grazzja nara dan collhu b'ghajnejja, u ma ninsiecom katt iżjed! Cull min giè haŭn, jibka jiftaħar bicom!

—Il lakgha tal Cardinal Legât, it-Tberic tal baħar, il Marcja tat-tfal ŭara it-Tkarbina taħħom u il Poplu collu mixħut fl'art u icanta is-*Sia lodato* minn cull-fejn ghaddiet il Processjoni il cbira—kalilna l'Iskof Vascancellos, tal Portugall—huma ħŭejjeġ li ma jistghux jidhru ħlief Malta! Biex narġa nara din il kaŭŭa ta Fidi, irrid narġa nigi haŭn!

Imma l'akŭa hi il chelma tal Legât tal Papa: kalhielna ŭiċċ-im-b'ŭiċċ, mita, billi aħna fil Cumitat Esecuttiv, chellna l'onur cbir li nieħdu ir-ritratt mieghu; u irridu nispiċċaŭ biha:—*Il Cungress taghcom ghadda l'oħrajn collha! Il Fidi tal Maltin u il ferħ ta kalbhom jinkraŭ fid-daħca ta ghajnejhom. Jen, malli nasal Ruma, nghid lill Papa: «Santità, ghandec ragjun tħobbhom il Maltin, ghax tas-seŭ li huma ta min iħobbhom!»*

# Tkanżiħ fil vojt.(*)

Il *Protestant Alliance*, bħalma deher fil *Malta Herald* ta nhar it-tnejn li ghaddeŭ (14 t'April) ghandu icun kabadha ugiħ ta żakk, ghax ghajtet ghajta li instemghet ma Londra u ŭaslet sa f'ŭidnejna ucoll. Min jaf x'chielet biex kabditha indigistjoni hecc cbira, li ġaghlitha issejjaħ it-tabib u titolbu il porga tal *Matrimonju civil*? Imma il porga mhux il marid ghandu jitlobha; imma ittabib ghandu jictibielec, u did-darba it-tabib deherlu li il porga mitlubha ma taghmilx tajjeb lill marid u ghalhecc ordnalu il *calmanti tal prudenza* u...*niente porga.* Min irid jara jecc hux tabilħakk dan, jakra il *Malta Herald* tal erbatax ta dan ix-xhar (April) u jisma il *Protestant Alliance* tghajjat bl'uġiħ ta żakk. Mischina, iġġiblec ħniena, ghax mal uġiħ ta żakk li kabadha, kabadha ucoll tkanżiħ u kris cbir, u it-tkanżiħ taħħa collu fil vojt; dan ħażin; ighidu, ghax jen ma nifhimx, li ma haŭnx aghar mittkanżiħ fil vojt. Meta rajt dic il *Corrispondenza,* ma stajtx inżomm iżjed bid-daħc, ghax rajt l'indigistjoni mnejn giet. Tafu x'chielet il *Protestant Alliance*? Chielet icla *Cungress Eŭcaristicu* u ghamlilha id-deni, u l'eŭŭel chielet l'*avvis* tieghu, imbghad chielet itthejjija tieghu, ghax, mhux ghax nghid, imma collox, ghall grazzja t'Alla, sejjer ħarir, u issa icollha tiecol ucoll l'icla tal *fatti compiuti.* Issa, jecc l'icla tal *Avvis tal Cungress,* u l'oħra tat-thejjija tieghu ŭeġġghulha imsarinha, x'sejjra taghmlilha l'icla tal *fatti compiuti*? Ghax, collu ċajt, il *Cungress Eŭcaristicu* f'Malta isir, b'ferħa cbira tal Maltin u b'inchejja cbira tal *Protestant Alliance.* Da'l Cungress isir, u sejjer juri li Malta dejjem Malta, jigifieri Cattolica, jigifieri li Malta ma tilfitx il Fidi, dic il Fidi li kalghet minn San Paŭl missierna, u li di'l Fidi taħħa ghadha sabiħa u minghajr tebgha sa 'llum.

Il Cungress Eŭcaristicu isir u juri lill cullħadd, lid-dinja collha, li it-tkanżiħ ta min ried u ta min irid ineħħi il Fidi minn Malta hu collu tkanżiħ fil vojt. Il Cungress isir: u in-nies li ghandhom jiġu mill'erba' parti tad-dinja sgur li imorru jistaghġbu f'pajjiżhom mhux bil lakgha li isibu f'Malta, mhux billi jaraŭna nafu ingibu ruħna bħal ħaddieħor, mhux billi jifhmu aħjar li Storja taghna; imma billi jaraŭ, f'dakxejn ta gżira, Fidi cbira, Fidi li forsi hecc cbira, hecc sabiħa, hecc minghajr tebgha ma isibuhiex fl'icbar bliet, Fidi li katt ma chienu jobsru li sejjrin isibuha f'pajjiż hecc żghir, hecc sabiħa u hecc sâfja bħallichiecu l'infern katt ma ghamel ghaliha. Fidi li tcun l'isbaħ biċċa tal Cungress, li mħabba fiha jirnexxi daks chemm, jecc mhux iżjed, irnexxa fi bliet cbar u fumusi. Da'l Cungress isir, u juri liddinja collha li iż-żerriegha *protestanta,* ghal chemm xterdet bis-sighan u issakkiet bl'ilma tal flus, ma nibtitx, ghax Malta dejjem daħchet bil *Protestantiżmu* u dejjem żammet fiha sħiħa u kaŭŭija il Fidi ta Cristu, il Fidi Cattolica. U din il ħaġa chiecu ma iridux juruha tal *Protestant Alliance,* biex ma jurux lid-dinja collha li it-tkanżiħ taħħom dejjem chien fil vojt. Imma xi trid taghmel? hecc chellu icun! ŭara tant snin, ŭara tant ġiri, ŭara tant Bibbji imxerrda, ŭara tant passi tal Evangelju, u ittri contra il Cnisja, u ghideb fuk li Storja, u daħc fuk is-Sagramenti, fuk il Kassisin u l'Iskfijet, ŭara tant gharak biex il Malta ineħħulha il Fidi Cattolica, cull-ħadd sejjer jinduna li dan chien collu ghażik fl'ilma, collu *tkanżiħ fil vojt.* Pacenzja! Ŭara tant taħbit u zelu conna nistenneŭ frott ieħor. Fejn hu da'l frott? Malta ilha Cattolica mill'eŭŭel seclu sa 'llum u hecc tibka, ghax il San Paŭl missierna baghtu Alla l'imbierec fuk il gżira taghna, u min irid jaklibna ma baghtux Alla, u ghalhecc it-tkanżiħ taħħom dejjem chien u jibka fil vojt.

*It is the Roman Catholic vote that counts,* kâl collu imbicchi dac li hu iffirmat *A native of Malta.* Ghandi pjacir, Sur *Native of Malta,* ghax inti stess bi cliemec kieghed turi li cull-ma ghażiltu sar suf u li it-*tkanżiħ taghcom hu fil vojt.* Iva: *it is the Roman Catholic vote that counts* did-darba u dejjem, ghaliex did-darba u dejjem Malta tibka Cattolica. U int, Sur *Native of Malta,* jecc int Malti, idħol fic in-nifsec u ara x'ghamilt meta sirt *Protestant,* ghax naturalment int protestant, hecc tidher minn cliemec. Jecc, imbaghd, int m'intix Malti, l'aħjar li taghmel tindaħalx fejn ma jesghecx u ħallina qŭieti. Kieghed nghidlec hecc, ghax mhux billi iffirmait *Native of Malta,* ghandi nifhem li int Malti, ghax anchi ħmar li tŭieled Malta nistghu nghidulu *native of Malta.* Mela, l'aħjar ħaġa li il *Protestant Alliance* tista taghmel hi li tieħu ftit pacenzja, tinġabar fiha infisha u tokghod taħseb ftit fuk il chelmiet li Cristu Sidna kâl lil San Pietru: *Portæ inferi non prævalebunt!* Min jaf? Forsi, b'hecc ighaddilha l'ugiħ ta żakk u it-tkanżiħ fil vojt.

X.

(*) Dan l'articlu, li hu mictub minn ragel gharef u kieghed fil ghôli—tant fil ghôli, li ghal bosta ħŭejjeġ ma satax jaghmel ismu taħtu—giena fit-18 t'april, ħames ti jem kabel il Cungress, meta il ħarġa tal *Habib* tat-22 t'april, bir-ritratti u bl'articoli tal Cungress, chienet diġà lesta u stampata: imma, ghad li donnu ghadda żmienu, ridna ngibuħ illum, ghax, imbierec Alla!, nistghu nghidu li cullma ħaseb il chittieb tieghu irnexxa. Tas-seŭ li min hu gharef u tajjeb jara mil boghod! Chiecu dan l'articlu stajna noħorġuħ malli ŭaslilna, contu tieħduħ bi *profezija.* Pacenzja!

ID-DIREZZJONI.

# Ma dûar il Gżira.

Fost il Pontificali cbar li saru, fil ġranet tal Cungress, mil Cardinali u mill'Iskfijet, f'bosta Cnejjes ta Malta—bħalma huma daŭc tal Mosta, mil Cardinal Bourne; tal Isla, mil Cardinal Santos Aymarez; ta Birchircara, mil Cardinal Francica Nava; ta *San Paŭl* u *San Dumincu,* mil Cardinal Lualdi; tal Catidral, mil Cardinal Ferrata, il Legât tal Papa; u ħafna oħrajn, Bormla, il Birgu, li Msida, is-Siggieŭi, il Ħamrun, tas-Sliema, iż-Żurriek, ħaż-Żabbar, *San Flippu* tal Isla;—jibkghu jissemmeŭ tlieta, li actarx ma narġghux naraŭ bħalhom. Daŭn it-tliet Pontificali huma daŭc li saru fil Cnisja tal Geżŭiti, bil Grieg, mill'Arci-Iskof Schirò, mghejjun mil Papàs Parrino u minn Sacerdoti oħra tal Cnisja Griega Cattolica; fil Cnisja tal *Erŭieħ,* bil Coptu, mil Corepiscopu ta Teodosopolis, jigifieri Abbati li jista jordna biss il *Minuri,* mghejjun mil Kassisin tal Cnisja Copta Cattolica, li jitħadtu bil Malti bħalna u ħadu maħħom il *Habib,*

b'ferħa cbira; u ta li Mkabba, mill'Iskof Polomeni, li ghamel *Omelija* (jigifieri Priedca ta Iskof fil Pontifical) bil Malti.—Iċ-Cerimonji tal Cnisja Copta Cattolica jordnaŭ li, fil Pontificali, l'Evangelju jitcanta darbtejn: darba bil Coptu u darba bil *Lsien tal Poplu* ta fejn isir il Pontifical: u ghal-hecc l'Evangelju tcanta ucoll *bil Malti* mil Professur Dun Giorġ Sebahlani. Dan ġara l'eŭŭel darba fil Cnisja taghna u jibka tifchira ghażiża tal *Cungress Eŭcaristicu*, ghax ħadd ma jista ighid li il Lsien tal Poplu ta Malta m'hux il Malti!

—Il Curunell Professur Manchè, M.D., Membru tal Cumitat Esecuttiv tal Cungress u incarigat bit-*Tèsseri* u bil-*Vade-Mecum* (*Gŭida żghira*), talabna nħabbru, chif aħna sejjrin naghmlu bil kalb collha, li min irid iżomm tifchira sabiħa tal Cungress jista jixtri, b'*xelin biss*, mentri kabel chienu jisŭeŭ tmin xelini u ħadd ma ħadhom b'ħabba inkas, il *Vade-Mecum* (bil *Pjanta* ta Malta mieghu), it-*Tèssera* u il *Medalja ta fuk is-sider*. Jinsabu ghall bejħ f'bosta ħŭienet.

—Fost il mijet ta *Cartolini tal Cungress* li haŭn ghall bejħ cull-fejn iddaŭŭar ŭiċċec, ghoġbuna ŭisk daŭc li ghamel is-Sur Matteŭ Grech Cumbu, li ghandu il Fotografija tieghu fi *Strada San Giovanni*, numru 107, bl'isem ta *London Studio*, haŭn il-Belt. Ghandu gemgha sħiħa tal *Processjoni*, tat-*Tribuna*, tal *Barca tal baħar*, tad-*Daħla tal Cardinal Legât*, tal *Mosta*, tal *Pontificali*, tal *Marcja tat-tfal*, tat-*Torok tal Belt imżejjna* u cull-ma tixtiek kalbec biex iżżomm it-tifchira collha tal Cungress. Ghad li huma mill'aħjar u mill'isbaħ, ghax maħdumin b'sengha cbira u meħudin fl'aħjar ħinijet, ma ikumux ħlief *żeŭġ soldi* il ŭaħda; u min jibghathom, bħala *Cartolina tal Posta*, lil ħbiebu ta Barra, jaghmel bihom figura sabiħa. Dic tal Baldacchin ħiereġ minn *San Ġŭann*, bis-SANTISSIMU taħtu, f'idejn il Cardinal Legât, u imdaŭŭar bil Cardinali u il Cbarat, imissha tiġri mad-dinja collha.

—Ghar-Ritratti cbar, imbaghd, nirriccmandaŭ b'kalbna collha ix-xoghol fîn u sabiħ tas-Sur Ellis, li, fost il gemgha sħiħa tieghu, ghandu erbgha—tal *Cardinali u l'Iskfijet collha flimchien*, tat-*Tribuna*, tal *Cardinal Legât f'nofs il Cumitat Esecuttiv* u tal *Cardinal Bourne*—tas-seŭ jaghmlu gieħ lilu u lilna.

—Nirriccmandaŭ, xejn inkas, il *Cartolina* tas-Sur Antonju De Giorgju, b'San Paŭl kieghed juri l'Ostja Mkaddsa tiddi fil ghôli, fuk id-daħla tal Port il cbir: disinn u ħidma sbieħ it-tnejn.

—Niżżu-ħajr lir-Reverendu Patri Eŭgenju Fiteni, ta Santu Ŭistin, li ghoġbu jibghatilna il ctieb żghir tieghu—żghir fil kabda u cbir fis-sustanza—imsejjaħ *Gesù fis-Santissimu Sagrament ta' l-Altar*. Dan il ctieb, stampat fuk carta mill'aħjar u maħdum tajjeb nett f'li *Stamperija tal Malta*, hu ŭieħed mill'actar li laktuna fost chemm ħarġu f'daŭn il ġranet imkaddsa tal *Cungress Eŭcaristicu*; u min iħasslu jintebaħ malajr li m'aħniex infaħħruħ ghax il Patri Fiteni, Sacerdot gharef u miġbur dejjem fil ħemda tal Cunvent, hu ŭieħed mil chittieba tal *Habib*. Jinbieħ *żeŭġ soldi*—b'xejn!—fil Cunventi ta Santu Ŭistin tal Belt u ta li Mdina, chif ucoll fil *Librerija Nuova*, strada Vescovo, numru 122, u bnadijet oħra.

—Xi nghidu, mbaghd, ghall'aħħar ctieb tal *Moghdija taż-żmien*, li, actar ma kieghda taghmel 'gid lill Poplu, bħala *contra-velenu* tal kari ħażin, actar tinsab imżebilħa minn daŭc li iħobbu il Pajjiżhom chif jakbel lilhom?.... Dan il ctieb—*Ghin ruħec u Alla ighinec*—ħadmu il Cappillan Dun Giużepp Farrugia, li jaf tas-seŭ bil Malti.

—Chellna ħsieb nitchellmu fit-tûl fuk il Cnisja il ġdida li is-Sur Laŭrenz Balbi u is-Sinjura tieghu irrigalaŭ lid-Djocesi ta Malta, b'Cunvent maħħa, il ŭaħda u l'ieħor lesti minn collox, ghall-chemm jilkghu il Poplu u il Patrijet-Cabuccini: imma, mħabba in-nukkas tal ŭisa, nghidu biss li fit-tberic taħħom, fejn iltakghu erba' Iskfijet, tnejn minnhom barranin, saret festa cbira. Chien hemm il Cbarat collha ta Malta u Poplu bla tarf, li b'leħen ŭieħed faħħru l'esempju li taŭ lill ghônja is-Sinjuri Balbi. Icun jafulhom Alla, chif kalilhom Monsinjur Gaŭci, li ŭiegeb ghad-*Discorsi* tal Cavalier Dottur Inglott u tas-Sur Muscat-Azzopardi, mita daŭn tchellmu *b'ordni tal Cumitat*, biex jirringrazzjaŭ lil cull-min medd idejħ f'din l'opra mkaddsa.

—Mitlubin ingibu, chif sejjrin naghmlu, dan li gej:—«Bla cliem....ghal issa! Aħna, li ghandna isimna mniżżel haŭn taħt, *edituri* u sjed ta stamperiji, jidhrilna li jixrak inħabbru lil cull-hadd li, mil mijet ta liri inġliżi minfuka mil Cumitat tal Cungress Eŭcaristicu f'xoghlijet ta li stampa (bħalma huma cotba, *circulari, tésseri*, avviżi u ħŭejjeġ hecc) ma ħadna ebda sehem, ghax ma chellniex ix-xorti li niġu msejjħin, inkas ghall'actar xoghol ċchejchen mil ħafna li chien hemm bżonn isiru.—M. A. Borġ—G. Maistre Rizzo—Alfredu Lupi—Ŭenzu Busuttil—Alfredu Formosa—Carmelu Mifsud—Ernestu Tonna—T. Gaŭci Maistre—Ġanni Bartolu—Alfredu C. Cortis—Arturu Carŭana—Giuseppi Felice Paċ, ghalli *Stamperija Laferla*.

—Jiddispjacina ħafna li ma stajniex ingibu sa 'llum l'ittra sabiħa tas-Sur *G. Di G.nni*, li issa ghadda iż-żmien taħħa; u nittamaŭ li dan il ħabib, biex jurina li m'hux merfuħ maghna, ma idumx ma jictbilna fuk xi ħaġ'oħra.

—L'articuli tal Cappillan ta ħ'Attard, ta Dun Xand Cortis D.D., tas-Sur W., ta Dun Giużepp Farrugia, tas-Sur Micallef Goggi u tas-Sur A. A. chellna nħalluhom ghall gimgha id-dieħla mħabba in-nukkas tal ŭisa.

—Is-Sur Pietru-Paŭl Cassar, li ghandu ŭaħda mil *Gjuljani* l'actar ghônja u hu ŭisk imħarreġ fit-tiftix tal Legati u xoghlijet bħal daŭn, icun l'Uffizzju tieghu cull-jum (Molo Pietà, numru 22, tal-Pietà) fuk nofs in-nhar, barra mil ħdud u il festi iccmandati.

—Nifirħu b'kalbna collha lir-Reverendu Dun Carm Grech, li daŭn il ġranet ħa il pussess ta Canôncu Penitenzier fil Cullegġjata tal Birgu. Dic il Cnisja ghamlet biħ rebħa cbira, ghax hu Sacerdot mill'actar taddehen u ħaddiema.

—Ghada (l'*Aħħar Erbgha tal Udienza*) il festa jaghmilha l'Eccellentissimu Monsinjur Raiti, Iskof-Djocesan ta Trapani: u hecc ir-Reverendi Patrijet Carmlitani jarġghu jaraŭ f'nofs il Bażilica tal Madonna il maħbub Provincjal taħħom.

—Irridu nicsru din id-darba is-schiet taghna, biex infaħħru iż-żeŭġ Baned tal Belt fuk l'imgiba sabiħa taħħom fil ġranet tal Cungress Eŭcaristicu. It-tnejn, actar minn xahar kabel il festi, chitbu lill Cumitat Esecuttiv, biex iħabbrulu li bi ħsiebhom idokku fejn irid hu u mita ighidilhom; it-tnejn kaghdu tas-seŭ ghall postijet li ghażlilhom, biex isellmu lill Cardinal-Legât malli jasal Malta; u it-tnejn dakkeŭ il programm taħħom chif kassamhom hu, seŭŭa ghall ħinijet u seŭŭa ghall ġranet. Chiecu ma ġarax hecc, chienet tithassar biċċa mill'isbaħ tal festa, bħalma tħassret darb'oħra. Iż-żeŭġ Baned tal Belt, chif in huma mlakkgha, chif in huma armati, chif in huma mghallmin—b'daŭc li strumenti, b'daŭc l'uniformijet, b'daŭc li stendardi, b'daŭc il cażini ghônja u miżmumin tajjeb—ghamlulna onur cbir mal Barranin: u bosta minn daŭn bil-chemm setghu jemmnu li huma ighixu u imorru il-kuddiem minnhom infushom, minghajr ebda ghajnuna mil Gvern, li inkas biss ma iħallihom jaghmlu bejniethom. Nifirħulhom: nifirħulhom b'kalbna f'idejna.

—Inroddu il ħajr taghna:

lir-Reverendissimu Capitlu tal Catidral, li ghoġbu jibghatilna *Album* tas-seŭ ghâni u *Stedina* ghall Pontifical tal Cardinal Legât;

lill'Eccellentissimu Iskof ta Ghaŭdex, li, per mezz tas-Segretarju General tieghu, Monsinjur Hili, baghtilna il *Pasturali* tal Gjubleŭ—xoghol chif jixrak lil dac l'Iskof gharef u kaddis;

lis-Sur V. Sammut, tal poeżija sabiħa li baghtilna fuk il Cungress;

lid-Direttur tas-Sależjani, li chien stedinna ghall'aħħar *Cunferenza* li ghamel hemm l'imfaħħar Canôncu Fulvju Romani (ghandna gost cbir nghidu li dan is-Sacerdot, gharef u sêrju, jarġa jigi Malta ix-xahar id-dieħel, biex jaghmel panigircu);

lid-Deputati tal Pontifical li ghamel i Cardinal Bourne il Mosta, ta li *Stedina* li ghoġobhom jibaghtulna;

lir-Reverendissimu Monsinjur Canôncu Professur Ŭigi Farrugia, tal *Cunferenza* li baghtilna: dic li ghamel fis-sala tal Università fuk il *Cungress Eŭcaristicu ta Vienna* bittaljan—mil pinna ta Monsinjur Farrugia ma joħorġux ħlief gherf u letteratura mill'aħjar.

—Il mużica li canta f'dan il Pontifical li semmejna l'aħħar Côr ta ma dŭar mit ruħ, irgiel u nisa, collha Dilettanti u mill'akŭa familji, chienet tas-seŭ sabiħa u scond il *Motu Proprju* tal Imkaddes Piju Ghaxra: żeŭġ Barranin, irjus cbar, issaħħru ghaliha.

—Fost ir-ritratti sbieħ li saru tal Processjoni, kieghed jissemma ŭisk ŭieħed li ħareġ issa, bil Baldacchin ghaddej minn fuk il pont ta Putirjal: ix-xoghol hu tas-Sur Fenech, ta ħdejn *San Frangisc*: u nirricmandaŭħ ferm lill karrejja taghna.

—Smajna b'ŭidnejna il Cardinal-Legât u bosta Iskfijet u Cbarat oħra ifaħħru ix-xoghol u l'imgiba tal Pulizija fil ġranet tal Cungress, chif mil bkija faħħruhom il Cumitat Esecuttiv u il Poplu. Mar tajjeb il Corp collu: imma is-Sur Curmi u is-Superjuri ta ma dŭaru chienu ta dehen, u ħeffa, u prudenza, u educazzjoni li ma bħalhom.

## Risposta ta Papa.

Piju Ghaxra, f'ħajjet Alla, tajjeb seŭŭa: nistghu nghidu ucoll li fiek ghal-collox. Jinżel cull-jum mis-sodda fis-sitta ta fil-ghodu u ma jarġax jimtedd kabel ma jidlam. Nhar Labsi, dâm ħafna jittaŭŭal minn tieka li tati ghal fuk il Pjazza ta San Pietru, biż-żgieġ maghluk, biex ma jidherx: imma, mita ra li in-nies gharfuħ, bierichom u daħal geŭŭa. Jisma żeŭġ kuddiesiet cull-jum fil Cappella tieghu u f'ŭaħda minnhom jitkarben, ghax Hu, biex ma jitŭakkafx, ghadu ma bidiex ikaddes. Biss it-Tobba tieghu ma iriduħx jaħdem ghal-issa.

Daŭn il ġranet, it-Tabib Amici, li il Papa ghandu fiħ fidi cbira—u bir-ragjun collu, ghax imur iżuru cull-jum, ghalavolja mita ma icollu xejn, b'kima tal-ghageb—sama li Piju Ghaxra, chif ŭarrab hu mil Vatican, daħħal ħdejħ Prelat biex jistudja mieghu qŭistjoni tal-impurtanza; u xħin mar jaraħ fil-ghaxija, kallu bil ħleŭŭa:—Santità, xejn ma tiftacar x'risponsabbiltà ghandi ta saħħtec kuddiem id-dinja?...

—U jen, Dottur?—ŭieġbu il Papa. Jen li irrid niccura il Cnisja, xejn ma tiftacar x'risponsabbiltà ghandi ta saħħitha kuddiem Alla?....

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—54. Il bniedem fil jum tal Ħakk icollu jati cont ta cull ghamil fieraħ tieghu.

*Beatus vir cujus est nomen Domini spes ejus...*

## DUN GIUSEPP BORĠ

Câp tad-Dâr ta San Calcedonju
u tal Missjoni il Cbira

miet ħal Kormi (fejn tŭieled), nhar is-sibt li ghadda, fis-siegha ta bil lejl, ŭara marda kasira. Sa dac in-nhar li ŭasal il Cardinal Legât, chellimtu haŭn il Belt, imsejchen ħabib ta tfuliti, li katt ma riedet taf biħ id-dinja, ghad li hu ma ghâxx ħlief ghall gid ta ghajru. Chellu 59 sena, maghluka nhar San Paŭl ta frâr: ħames xhur iċchen minni, ghad li, bix-xoghol tal pulptu u tal cunfissjunarju, bit-taktiħ il kalb ghall fidŭa u ghas-saħħa tal erŭieħ, chien xieħ ghacca.

DUN GIUSEPP BORĠ, b'ismu hecc gharŭien u minghajr duħħan mieghu, ghad li ħadem daks min tala fil ghôli nett, chellu mêrtu kuddiem Alla u f'kalb il Poplu li jisŭa ŭisk actar minn cull ħajr tad-dinja: Chien mera sâfi tas-Sacerdot Cattolicu! Chien Kassis bla tebgha!

Ma chienx jitħabat, bil lejl u bi nhar, fil bliet u fir-rħula, bid-dieher u bil moħbi, ħlief ghall oħrajn! Dejjem ghall'oħrajn! U daŭn l'oħrajn chienu: Alla u il Proxxmu tieghu. Taħħom chien gherfu, taħħom chienet saħħtu, taħħom chienu il ħeġġa u id-dehen tieghu, taħħom chien cull-ma chienu iroddulu ħŭejjġu u xoghlu! U, chif chien imħeġġeġ bil kima ta San Frangisc t'Assisi, chien jista tas-seŭ ighid mieghu: DEUS MEUS ET OMNIA (*Alla tieghi, int collox ghalija.*)

Li chellu moħħu mill'aħjar u kalbu ta Anġlu, li minn dejjem chien jati cull-ma chien jilħak u ma chien irid xejn mid-dinja, li chien sâfi f'ghamilu bħal tarbija, ħadd ma jista ighidu actar minni, li trabbejt mieghu minn ċcuniti nett u bkajna dejjem ninħabbu bħal aħŭa.

Issa ŭaslet is-siegha tieghu: ma stenna katt li ta xoghlu u ta ghamilu iħallsuħ in-nies tad-dinja: chien jaħdem ghalihom, imma biex iħallsu Alla.

Imbierec il bniedem li ma jitmax ghajr fis-Sema!

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

## MEETING.

Baghtulna din l'Aħbar mil Californja:—

"L'eŭŭel *Meeting* tal Maltin fl'America.

"Cullħadd l'irsir irid il ghajnuna.

"MALTIN—

"Ġo din l'art ninsabu bghid minn ommijetna, u mil familji u miz-zuntier ta dic il cnisja fejn, meta conna tfal, conna nghidu xi *Ave Maria.*

"Haŭn ninsabu katta Maltin ŭeħedna minghajr ebda ruħ biex tghid chelma ghalina meta incunu ninsabu sija mejtin, sija morda, sija fil bżonn u sija fil ħabs.

"ALLURA, AĦŬA MALTIN—Hua dmir taghna li b'xi mod jeŭ ieħor nirranġaŭ Società ghall protezjoni tal aħŭa taghna, biex incunu ippreparati ghal qualunque ħaġa li tista tiġrilna.

"ALLURA—Hua mixtiek minn ghandec li, bħala Malti, interess tieħu tal Maltin u kalbec tipprova qŭalunque mezz biex tiġbor l'aħŭa ħutec Maltin, sabiex li scop cbir taghna icun mirbuħ.

"Din il lakgha ghandha issir il Hadd, fis-27 ta April 1913, fis-Sala No. 1, 439-441, *Broadway Street*, li tigi bejn it-torok Kearny u Montgomery, San Francisco, Calfornja. Fis-saghtejn ta ŭarra nofs inhar. Hudu il carrijet No. 15 u 16. Jghaddu minn hemm.

IL CUMITAT TEMPORARJU."

## LILL SAN ĠORĠ MARTRI.

INNU.

Lit-tfajjel Ginu Muscat-Azzopardi biex innigzu fit-telgha kalila tal Parnasu.

Ta l'azzar, ta l'Evangelju
ħfint is-sjuf u kbadt it-tarca:
u tkabadt, tkabadt ta meħjel, (1)
u takbidec rema il barca

Fuk Bejruth, ghax tas-Sultan
iż-żaghżugha bintu tcun
chellha f'jum kalil ghaliha
fis mibluha minn Dragun.

Fl'art minsuba ix-xbejba chienet
tibchi u tolfok fuk xortiha;
iżda lħakt, xcanât iż-żiemel,
u cont tarca u sejf ghaliha.

Hecdachif id-Dragun resak,
geŭŭa gismu dfint l'azzar,
daca ŭaka u, bid-demm tieghu,
ta maduaru ħammar nar.

Tà lix-xebba Ġorgi ħżiemu:
—Orbotulu f'ghonku—kallha—
ħalli 'l bhima nieħdu beltec
fl'isem biss minn tal cbir Alla.

Liema biża f'nies is-Saltna:
liema fihom bakghet ruħ
meta lemħu 'l Ġorgi dieħel
bid-Dragun urajħ miġruħ!

Is-Sultan ghannak il bintu
u iżża 'll Ġorgi ħajr mhux ftit,
ghaliex lilha, bi klubija,
ħeles chien minn dac l'ghafrid.

"Mhux le drieghi chien il kaŭŭi:
iżda 'l kaŭŭi, li kaŭŭieħ,
Adonaj (2) li jati 'l kaŭŭa
lil min lilhu jitlob sħieħ.

Tlabtu jen, Hŭŭa seddakni
fit-takbid u it-tiġrib tieghi;
dkieka (3) katt ma ŭarrab minni,
ghax ħassejtu dejjem mieghi.

Jecc f'dan Alla tal ħajjin
intom temmnu u tatuħ kima,—
kallhom Ġorgi—jen neħliscom
ghala dejjem minn di 'l bhima."

Ghoxrin-elf fis l'allat foloz
telku u ħaddnu id-din nisrani:
id-Dragun San Ġorġ hemm katel,
u 'l gens hemm darbtejn sar ghani.

Dan giè fis f'ŭidnejn Galerju,
illi ħalef geŭŭa fiħ
il Ġorġ jekred; u telkilha
ghal ghand sieħbu (4) bħala riħ.

X'ma batejtx, Kaddis, ghiduli!
ħbat u msiemer geŭŭa laħmec?
tliet ti jem ta nar hecc kaŭŭi,
li ma sata ideŭŭeb xaħmec?

O Kaddis, int batejt bosta;
u it-tbatija chienet chiel (5)
li ħaditec geŭŭa il genna
u ħelsitec minn cull xchiel.

NINU CALLEJA.

(1) Valurus, bil ħila. (2) Isem Alla. (3) Minuta seconda. (4) Is-Sultan Dioclezjanu. (5) Curuna tar-ras.

## Mill'Aûstralja.

L'4 ta Marzu, 1913.
516, Lonsdale St. City.
MELBOURNE.

Ghazis Hija,

Hadd pjacir ŭisk bl'ittra ghaziza tieghec tal 10 ta Frar, u irceveit seba' numri tal *Habib*, u anchi id-darba l'oħra, cont irceveit xi numri tal *Habib*, u jiddispiacini ŭisk jecc inseit insemmilec fir-risposta ta dic l'ittra, ħadd piacir ŭisk, kraithom sa l'inkas nakra: verament *giurnal seriu u sabiħ*, u fost collox ghoġbitni ŭisk dic il Poesia, *L'aħħar granet ta Dicembru*, ghad li certu cliem ma staitx nifhmu; min hu dan Giuseppe Micallef? tafu int? U dic tal Iskof Protestant ta Ballarat, min chien giebha? Jen cont bghatt *cutting* fuk li stess ħaġa lil ħabib tieghi.................. Ghandi interess cbir li l'*Unjoni Cattolica* ta San Giusepp tmur il kuddiem: u jecc Alla ħares katt, ma tmurx zgur ma icunx jonkos mid-derezioni, imma mil membri taħħa; u dan cull tant jatini x'naħseb, ghax naf li aħna il ħaddiema Maltin, nies actarx bierda; staghgibt meta krait bil beneficci li id-direzioni keghda tipprocuralhom, u barra id-devertimenti, l'izjed ħaġa necessaria hia li struzjoni tal ħaddiem, li ghandcom bżonn ŭisk u ŭisk f'Malta, tista tibka sigur li l'actar Malti hua l'ura mħabba li la jaf scola u ankas disinn, u sa chemm aħna ma nitghallmux, icollna nibkghu l'umili cupiaturi u imitaturi tal colleghi stranieri, u katt ma nistghu noħorġu b'originali; u ħafna minn'na ankas huma capaci jinterpretaŭ disinn. Iena b'dan ma'rridx immakdar lil ħuti Maltin. Dan ke'd ngheidu ghax nixtiekhom aħiar milli huma, jena naf li hemm xi uħud bravi tas-seŭ, imma dana mux bizzejjed, ghax fil cas tal istranieri hua il cuntrariu, it-tajjbin huma ħafna u l'ghajjena huma ŭisk ftit. Fost il Conferenzi li keghdin taghmlu fl'Unjoni li huma tajjbin ferm, jonkos li chiecu anchi isiru *lectures* fuk is-sengha. Ara, aħna fl'Unjoni taghna, icollna *meeting* cull gimgha, u dejjem icun xi ŭieħed li jaf xi ħaġa, u dan taraħ juriha u ifissirha per mezz ta ħżuż fuk il *Black board*; u xi dakkiet anchi igibu modelli biex tara ċar u culħadd jeħu interess, u jattendi. Dana naħseb li jista isir Malta ucoll, jecc mux diġà ke'd isir, imma basta issir il kalb mis-soci. Alla icompli ma din il ghakda, biex meta il ħaddiem taghna jeduca ruħu, icun jista anchi jappreżża xoghlu, u l'Unjoni taghmel il forza. Naħseb li se'r indeikec b'din il priedca. Xein izjed, ħlief inselli ghalic, u ghal ħuti collha, specialment ghal ommi, u nixtieklec cull gid u hena.

Huc Salvu (*Camilleri*).

## Xeûkiet!

Malta collha bi ħġarha tixtiek li, b'tifchira mkaddsa tal Cungress Eŭcaristicu, il festa tas-*Santu Corp* tarġa tigi iccmandata mis-sena stess; u li, bil flus li baka f'idejn il Cumitat General (flus tal Poplu, miġburin minn ghand il ghônja u minn ghand il fkar nett, flus li ma tistax tintefak ħabba minnhom bla ma icun jaf kabel il Poplu) titŭakkaf fil krib minn fejn chienet it-*Tribuna*, jecc jista icun f'lôcha stess, Colonna tar-rħam sabiħa, bi *Sfera* fukha u *Scrizzjoni* cbira. Chiecu jinġabru il *vôti segrieti* ta chemm nies haŭn Malta u Ghaŭdex fuk daŭn iż-żeŭġ Xeŭkiet, ma icunx hemm ghaxra li ighidu le! F.S.

FRAC TAD-DEHEB.

Il ħbieb bħall ħŭietem tad-djamanti, jintghaddu fuk is-sŭaba u ma jidħlux fid-dar bil gzuz, chif jidħlu il flus ghand il ghani.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

MONUVERB
(taħbil il moħħ ta chelma ŭaħda).

————
————
————
————
— r ■

S. S.

L'aħħar loghba chienet:
*Gham* (sena)—*Ghama* — *Ghamar*—*Mara*—GHAMARA.

Ma giebuhiex ħlief tnejn, minn Ghaŭdex: is-Sinjuri Dŭardu Grima (*San-Laŭrenz*) u Michiel Farrugia (*ix-Xghara*). Giebha ucoll ir-Rev. G. G: imma ħalla it-tielet tifsira barra, li actarx sghiċċatlu mil pinna.